2) Sachsa Verpackung Deutschland GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Novembru 2011 — McLoughney vs UASI — Kern (Powerball)

(Kawża T-484/09)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Powerball — Trade mark verbali preċedenti mhux irreġistrata POWERBALL — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Artikolu 8(3) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"

Proċedura — Rikors promotur — Rekwiżiti proċedurali — Identifikazzjoni tas-suġġett tat-tilwima — Espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 44(1)(c)) (ara l-punti 18, 19)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-30 ta' Settembru 2009 (Każ R 1547/2006-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Rory McLoughney u Ernst Kern.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Rory McLoughney huwa kkundannat għall-ispejjeż.